Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 30 ta' Awwissu 2023**
**(OR. en)**

**12496/23**
**ADD 1**

**MI 699**
**IND 442**
**COMPET 824**
**AGRI 475**
**AGRIFIN 102**
**AGRILEG 167**
**VETER 79**
**DENLEG 39**
**SAN 495**
**PHYTOSAN 60**
**STATIS 51**
**ECOFIN 842**
**CADREFIN 114**
**SEMENCES 50**
**DELACT 123**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 21 ta' Awwissu 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | C(2023) 4993 final, ANNEX |
| Suġġett: | ANNESS tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għall-Programm tas-Suq Uniku |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2023) 4993 final, ANNEX.

---

Mehmuż: C(2023) 4993 final, ANNEX

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.7.2023
C(2023) 4993 final

ANNEX

**ANNESS**

**tar-**

**Regolament Delegat tal-Kummissjoni**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għall-Programm tas-Suq Uniku**

{SWD(2023) 271 final}

MT MT

**ANNESS**

**Lista ta' indikaturi tat-tieni livell fir-rigward tal-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-Programm tas-Suq Uniku msemmi fir-Regolament (UE) 2021/690**

1. Indikaturi tal-programm fil-livell tad-disinn

(a) Indikaturi tal-output

(1) OP 0.1.: L-għadd u s-suġġett tat-taħriġ organizzat li jkopri aktar minn qasam ta' politika wieħed (bi programm komuni jew post komuni jew parteċipanti komuni jew data komuni)

(2) OP 0.2.: L-għadd ta' azzjonijiet ta' akkwist konġunt: xiri komuni ta' bażijiet tad-*data*, studji konġunti, Ewrobarometri u kuntratti qafas konġunti

(3) OP 0.3.: L-għadd u l-kostijiet relatati mal-iżvilupp ta' proġetti komuni tal-IT li jappoġġaw aktar minn qasam ta' politika wieħed

(4) OP 0.4.: L-għadd ta' drabi li l-Approprjazzjonijiet ta' Pagament u ta' Impenn ġew trasferiti minn linja baġitarja għal oħra bejn id-DĠ

(5) OP 0.5.: L-effett tal-iskala fuq l-iffrankar fir-riżorsi u l-investimenti (għodod, persunal, ħin) matul il-governanza tal-attivitajiet amministrattivi, tal-IT u tal-komunikazzjoni

(b) Indikaturi tar-riżultat

(1) RES 0.1.: Is-sodisfazzjon tal-parteċipanti fir-rigward tas-sessjonijiet ta' taħriġ li jkopru aktar minn qasam ta' politika wieħed (bi programm komuni jew post komuni jew parteċipanti komuni jew data komuni)

(2) RES 0.2.: L-iffrankar minn azzjonijiet ta' akkwist konġunt: xiri komuni ta' bażijiet tad-*data*, studji konġunti, Ewrobarometri u kuntratti qafas konġunti

(3) RES 0.3.: Il-kejl tas-suċċess ta' kampanji konġunti

(4) RES 0.4.: Ir-rata ta' sodisfazzjon tal-utenti fir-rigward tas-sistemi tal-IT

2. Indikaturi tal-livell tal-kontenut – Objettiv 1: Suq uniku aktar effettiv

(a) Indikaturi tal-output

(1) OP 1.1.: L-għadd ta' oqsma ta' politika koperti mill-IMI

(2) OP 1.2.: L-għadd ta' proċeduri ta' kooperazzjoni amministrattiva fl-IMI

(b) Indikaturi tar-riżultat

(1) RES 1.1.: Stima tal-benefiċċji tal-klijenti li jirriżultaw minn deċiżjonijiet ta' projbizzjoni tal-kartelli

(2) RES 1.2.: Total tan-nefqa tal-għajnuna mill-Istat fl-ambitu tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014[1] bħala perċentwal tat-total tal-għajnuna mill-Istat fl-UE

[1] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187 26.6.2014, p. 1)

(3) RES 1.3.: Stima tal-benefiċċji tal-klijenti li jirriżultaw mill-interventi fir-rigward tal-fużjonijiet

(4) RES 1.4.: Stima tal-benefiċċji tal-klijenti li jirriżultaw mill-interventi tal-antitrust mhux tal-kartelli

(5) RES 1.5: Għadd ta' żjarat fis-sit "Pariri tal-Ewropa Tiegħek" (YEA)

(6) RES 1.6.: Prestazzjoni tal-YEA

(7) RES 1.7.: Total tal-Iskambji tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI)

(8) RES 1.8.: Għadd ta' awtoritajiet kompetenti li jużaw l-IMI

3. Objettiv 2: Appoġġ għall-SMEs

(a) Indikaturi tal-output

OP 2.1.: L-għadd ta' SMEs li jibbenefikaw minn finanzjament ta' partijiet terzi biex jipparteċipaw fi proġetti biex isaħħu l-kompetittività, is-sostenibbiltà u/jew id-diġitalizzazzjoni tagħhom, u/jew għall-innovazzjoni tal-proċessi tan-negozju

(b) Indikaturi tar-riżultat

(1) RES 2.1.: Rata ta' sodisfazzjon tal-klijenti fir-rigward tas-servizzi ta' appoġġ ewlenin għall-SMEs

(2) RES 2.2.: L-għadd ta' SMEs appoġġati li wettqu innovazzjoni tal-proċess tan-negozju marbuta mal-adozzjoni teknoloġika li wasslet għal progress fit-tranżizzjoni ekoloġika tagħhom (inkluż titjib fil-prestazzjoni klimatika, u/jew żieda fis-sostenibbiltà)

(3) RES 2.3.: L-għadd ta' SMEs appoġġati li wettqu innovazzjoni tal-proċess tan-negozju marbuta ma' adozzjoni teknoloġika li wasslet għal żieda fid-diġitalizzazzjoni

(4) RES 2.4.: L-għadd ta' SMEs appoġġati (b'appoġġ dirett/finanzjament minn partijiet terzi) li tejbu l-ħiliet tagħhom għall-implimentazzjoni ta' mudelli u prattiki tan-negozju sostenibbli u/jew il-ħiliet diġitali tagħhom bħala riżultat tal-parteċipazzjoni fil-proġett

(5) RES 2.5.: Il-perċentwal ta' negozji li huma newtrali għall-klima jew b'emissjonijiet negattivi, jew li diġà għandhom strateġija fis-seħħ għal dan l-għan (jiġifieri li jnaqqsu l-impronta tal-karbonju tagħhom u jsiru newtrali għall-klima jew b'emissjonijiet negattivi).

(6) RES 2.6: Il-piż tar-regolamentazzjoni tal-Gvern

(7) RES 2.7.: L-għadd ta' utenti tas-servizzi diġitali jew tal-għodod ta' informazzjoni diġitali pprovduti mill-programm

4. Objettiv 3: Standards Ewropej effettivi

Indikaturi tar-riżultat

(1) RES 3.1.: L-għadd ta' pajjiżi li jużaw l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS)

(2) RES 3.2.: L-għadd ta' abbozzi ta' Standards Ewropej tar-Rappurtar dwar is-Sostenibbiltà (ESRS) imħejjija mill-EFRAG u l-kopertura tagħhom

f'konformità mal-mandat tad-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà (CSRD)

(3) RES 3.3.: Il-pubblikazzjoni ta' kwistjonijiet ta' interess pubbliku mill-Bord tas-Sorveljanza tal-Interess Pubbliku (PIOB)

5. Objettiv 4: Protezzjoni tal-konsumatur

(a) Indikaturi tal-output

(1) OP 4.1.: L-għadd ta' awtoritajiet li jipparteċipaw fl-azzjonijiet konġunti dwar is-sikurezza tal-prodotti (CASP)

(2) OP 4.2.: L-għadd ta' sessjonijiet ta' taħriġ Consumer Law Ready u ConsumerPro

(3) OP 4.3.: L-għadd ta' parteċipanti fl-avvenimenti ta' komunikazzjoni ewlenin tal-politika dwar il-konsumatur

(4) OP 4.4.: L-għadd ta' stqarrijiet għall-istampa tal-benefiċjarji

(5) OP 4.5.: L-għadd ta' konferenzi, seminars, webinars organizzati mill-benefiċjarji

(6) OP 4.6.: L-għadd ta' laqgħat mal-Kummissarji, mal-Membri tal-Parlament Ewropew, mar-rappreżentanti mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni u r-Rappreżentanzi Permanenti.

(b) Indikaturi tar-riżultat

(1) RES 4.1.: L-eżitu tar-rikjesti tal-konsumaturi lin-Network taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ECC-Net)

(2) RES 4.2.: L-għadd ta' miżuri dwar prodotti perikolużi mhux tal-ikel li nħarġet twissija dwarhom fuq il-pjattaforma Safety Gate

(3) RES 4.3.: L-għadd ta' korpi appoġġati għal Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim

(4) RES 4.4.: L-għadd ta' segwaċi tal-midja soċjali tal-benefiċjarji

6. Objettiv 5: Sikurezza tal-Ikel

(a) Indikaturi tal-output

OP 5.1.: L-għadd ta' testijiet ta' profiċjenza interlaboratorji u ttestjar komparattiv organizzati mil-laboratorji ta' referenza tal-UE għal-laboratorji ta' referenza nazzjonali

(b) Indikaturi tar-riżultat

RES 5.1.: Ir-rata ta' sodisfazzjon kumplessiva tal-parteċipanti li jattendu għat-taħriġ tal-BTSF organizzat bi preżenza fiżika

(c) Indikaturi tal-impatt

IMP 5.1.: L-għadd ta' Stati Membri ffinanzjati li ġabru u rrappurtaw fil-ħin id-*data* dwar il-bejgħ ta' mediċini veterinarji antimikrobiċi u l-użu ta' prodotti mediċinali antimikrobiċi fl-annimali lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)

7. Objettiv 6: Statistika Ewropea

(a) Indikaturi tal-output

(1) OP 6.1.: Il-kopertura statistika (imkejla bħala l-għadd ta' indikaturi, subindikaturi u d-diżaggregazzjonijiet kollha tagħhom)

(2) OP 6.2.: Il-livell ta' faċilità għall-utent tas-sit web tal-Eurostat

(3) OP 6.3.: L-għadd ta' parteċipanti fil-korsijiet tal-Programm Ewropew ta' Taħriġ fl-Istatistika (ESTP) dwar sorsi innovattivi u metodi għall-istatistika uffiċjali

(b) Indikaturi tar-riżultat

(1) RES 6.1.: L-għadd ta' sessjonijiet tal-bażi tad-*data* (f'miljuni) magħmula minn utenti esterni mill-bażi tad-*data* ta' referenza tal-Eurostat permezz tas-sit web tal-Eurostat.

(2) RES 6.2.: It-tempestività tal-istatistika, imkejla abbażi tal-istqarrijiet tal-aħbarijiet dwar sett ta' statistika trimestrali u ta' kull xahar.

(3) RES 6.3.: L-għadd ta' settijiet tad-*data* ġodda dwar l-istatistika sperimentali ppubblikati.

(4) RES 6.4.: Il-fiduċja tal-utenti fl-istatistika Ewropea

(5) RES 6.5.: L-għadd ta' arranġamenti amministrattivi li l-Eurostat jirrieżamina, iġedded jew jiffirma kull sena mas-sħab ewlenin tiegħu

(6) RES 6.6.: L-għadd ta' proġetti ta' riċerka li jitolbu aċċess għall-mikrodata Ewropea fil-bażi tad-*data* tal-Eurostat.

(c) Indikaturi tal-impatt

IMP 6.1.: L-għadd ta' segwaċi tal-Eurostat u r-rata ta' involviment fuq il-midja soċjali.